- Art 199(2) Kap 12

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 20 ta' Frar 2020**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 49/2019 GM**

**L-Avukat Dr Lynn Zahra**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali w il-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tal-20 ta' Frar 2020 isem l-Avukat Ġenerali ġie mibdul għall-"L-Avukat tal-Istat"**

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors li permezz tiegħu ir-rikorrenti allegat ksur tal-Artikli 5(1)(b) u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 34(e) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tagħha mill-intimati b'konnessjoni ma' proċeduri kriminali in segwitu ta' ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija f'Settembru 2016 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u talbet rimedju opportun kif ukoll kumpens finanzjarju bħala danni;**

**Rat li r-rikorrenti dehret fis-seduta tat-30 t'April 2019 li fiha esibiet għadd ta' dokumenti; fis-seduta tat-22 t'Ottubru 2019 li fiha ħarrket u xehed Dr Dustin Camilleri; u fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2020 li fiha ħarrket u xehed PS290 Jean Paul Formosa. Il-kawża ġiet differita għall-kontro-eżami tar-rikorrenti għas-6 ta' Frar 2020, għat-18 ta' Frar 2020, u għallum 20 ta' Frar 2020 għal liema seduti r-rikorrenti ma dehritx u deher Dr. Maurizio Cordina għall-Avukat tal-Istat;**

**Rat li fis-seduta tallum Dr. Maurizio Cordina, f'isem l-intimati, ġaladarba r-rikorrenti ma dehritx, li, a tenur tal-Art. 199(2) tal-Kap 12, jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tal-kawża;**

**Għal dawn il-motivi, wara li rat li ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artiklu 199(1) billi r-rikorrenti, mhux assistita, ma dehritx għal żewġ seduti konsekuttivi miżmuma fi ġranet differenti u dawk tal-Artiklu 199(2) tal-Kap 12 tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**